**Parlament Ewropew**
2019-2024

*Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern*

**2020/2134(INI)**

2.12.2020

# OPINJONI

tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

għall-Kumitat għall-Affarijiet Barranin

dwar l-effetti tat-tibdil fil-klima fuq id-drittijiet tal-bniedem u r-rwol tad-difensuri ambjentali dwar din il-kwistjoni
(2020/2134(INI))

Rapporteur għal opinjoni: Lena Düpont

## SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern jistieden lill-Kumitat għall-Affarijiet Barranin, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

A. billi l-Unjoni hija msejsa fuq il-valuri tar-rispett għal-libertà, id-demokrazija, l-ugwaljanza, l-istat tad-dritt u d-drittijiet tal-bniedem, inklużi d-drittijiet ta' persuni li jagħmlu parti minn minoranzi; billi dawn il-valuri huma komuni għall-Istati Membri f'soċjetà fejn jipprevalu l-pluraliżmu, in-nondiskriminazzjoni, it-tolleranza, il-ġustizzja, is-solidarjetà u l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel; billi dawn il-valuri għandhom jiggwidaw ukoll l-azzjoni esterna tal-UE;

B. billi l-istudji wrew li t-tibdil fil-klima u d-degradazzjoni ambjentali se jheddu dejjem aktar id-drittijiet bażiċi tal-bniedem ta' persuni vulnerabbli, bħad-dritt għall-ħajja, għall-ilma, għall-ikel, għas-sanità, għall-kura tas-saħħa, għall-ħajja privata u dik tal-familja u għall-edukazzjoni u d-dritt li wieħed ma jgħaddix minn trattament inuman u degradanti; billi ambjent nadif u tajjeb għas-saħħa huwa fundamentali għall-ħajja tal-bniedem; billi l-għadd ta' persuni spostati minħabba l-impatt tal-kriżi klimatika qed jiżdied; billi l-UE jeħtiġilha tkompli tintensifika l-ġlieda tagħha kontra t-tibdil fil-klima u l-protezzjoni tagħha tal-ambjent skont l-obbligi li jirriżultaw mit-Trattati u mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali permezz ta' politiki ambizzjużi u komprensivi bbażati fuq id-drittijiet tal-bniedem internament u f'kooperazzjoni mill-qrib mas-sħab internazzjonali, u tippromwovi aktar koordinazzjoni u skambju ta' informazzjoni bejn l-Istati Membri; billi r-Rapport Speċjali tal-2018 tal-Grupp Intergovernattiv ta' Esperti dwar it-Tibdil fil-Klima (IPCC) żvela xi sejbiet allarmanti u rrakkomanda li jsiru bidliet;

C. billi f'dawn l-aħħar snin, id-difensuri ambjentali ġew soġġetti għal inċidenzi dejjem akbar ta' qtil, ħtif, tortura, vjolenza abbażi tal-ġeneru, theddid, fastidju, intimidazzjoni, kampanji ta' malafama, kriminalizzazzjoni, fastidju ġudizzjarji, żgumbrament sfurzat u spostament; billi fl-2019 biss[1], aktar minn 300 difensur ambjentali u tad-drittijiet madwar id-dinja nqatlu għall-ħidma tagħhom, li 40 % minnhom kienu qed jaħdmu favur id-drittijiet tal-art, id-drittijiet tal-popli indiġeni u d-drittijiet ambjentali; billi d-drittijiet tal-art, ambjentali u tal-popli indiġeni baqgħu l-aktar settur perikoluż fid-difiża tad-drittijiet tal-bniedem minħabba l-isfruttament tar-riżorsi naturali flimkien mal-korruzzjoni, il-governanza dgħajfa u l-faqar sistemiku; billi d-difensuri nisa, li ħafna drabi ma jistgħux ikunu proprjetarji ta' artijiet jew jipparteċipaw fi proċessi ta' teħid ta' deċiżjonijiet, jiffaċċjaw diskriminazzjoni u vjolenza sistematiċi u strutturali u huma f'riskju partikolari; billi skont id-dritt internazzjonali u tal-UE, kwalunkwe persuna li qed taħrab mill-persekuzzjoni hija intitolata għall-protezzjoni internazzjonali, inklużi d-difensuri ambjentali tad-drittijiet tal-bniedem;

D. billi l-Assemblea Ġenerali tan-NU adottat dikjarazzjoni dwar id-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem fl-1999; billi din id-dikjarazzjoni tafferma li l-istati għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiżguraw il-protezzjoni mill-awtoritajiet kompetenti ta' kulħadd, individwalment u f'assoċjazzjoni ma' oħrajn, kontra kull vjolenza, theddid, ritaljazzjoni, diskriminazzjoni avversa *de facto* jew *de jure*, pressjoni jew kwalunkwe

[1] Front Line Defenders, Analiżi Globali 2019.

azzjoni arbitrarja oħra bħala konsegwenza tal-eżerċitar leġittimu tiegħu jew tagħha tad-drittijiet[2] imsemmija f'dik id-dikjarazzjoni;

E. billi skont il-Prinċipji Qafas dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u l-Ambjent tal-2018 tar-Rapporteur Speċjali tan-NU għall-Ambjent fir-rigward tal-obbligi tal-istati skont id-dritt dwar id-drittijiet tal-bniedem rigward it-tgawdija ta' ambjent sikur, nadif, tajjeb għas-saħħa u sostenibbli, l-istati jeħtiġilhom "...jissorveljaw u jinfurzaw b'mod effettiv il-konformità mal-istandards billi jipprevjenu, jinvestigaw, jikkastigaw u jirrimedjaw il-ksur tal-istandards mill-atturi privatikif ukoll mill-awtoritajiet governattivi" (Prinċipju Qafas 12)[3];

F. billi l-Kunsill dwar id-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU rrikonoxxa, f'riżoluzzjoni fl-2019, ir-rwol pożittiv, importanti u leġittimu li għandhom id-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem fil-promozzjoni u l-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem, u esprima tħassib serju li d-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem li jaħdmu fuq kwistjonijiet ambjentali huma fost id-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem l-aktar esposti u f'riskju[4];

G. billi l-impatti negattivi tat-tibdil fil-klima jiġġarrbu b'mod sproporzjonat minn persuni u komunitajiet li diġà jinsabu f'sitwazzjonijiet żvantaġġużi minħabba l-ġeografija, il-faqar, l-età, id-diżabilità jew l-isfond kulturali jew etniku, li storikament ikkontribwew l-inqas għall-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra; billi n-natura speċifika tal-popli indiġeni u tal-komunitajiet lokali tagħhom tista' tagħmilhom partikolarment vulnerabbli, peress li jistgħu jinsabu f'żoni inkredibbilment iżolati;

H. billi l-intrapriżi kummerċjali għandhom jirrispettaw id-drittijiet tal-bniedem skont il-Prinċipji Gwida tan-NU dwar in-Negozju u d-Drittijiet tal-Bniedem[5];

I. billi l-kriżi ekonomika prevista insegwitu għall-pandemija tista' twassal lill-Istati biex ma jibqgħux jiffokaw fuq l-ambjent ħalli jistimulaw it-tkabbir ekonomiku fuq żmien qasir;

1. Jirrikonoxxi r-rabta inseparabbli bejn it-tibdil ambjentali u d-drittijiet tal-bniedem; jirrikonoxxi r-rwol essenzjali tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem u tar-rappreżentanti legali tagħhom; jiddeplora l-għadd dejjem akbar ta' qtil u atti vjolenti fil-konfront tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem fil-qasam ambjentali, inklużi l-vjolenza abbażi tal-ġeneru, it-theddid, il-fastidju, l-intimidazzjoni, il-kampanji ta' malafama, il-kriminalizzazzjoni, il-fastidju ġudizzjarju, it-tkeċċija sfurzata u l-ispostament; jenfasizza, b'mod partikolari, il-ħidma mwettqa minn nisa li huma difensuri tal-ambjent u jikkundanna r-riskji li jiffaċċjaw;

2. Itenni li l-obbligu tal-Istati li jipproteġu d-drittijiet taċ-ċittadini huwa stabbilit b'mod ċar fil-liġi internazzjonali; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jipproteġu d-drittijiet tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem fil-qasam ambjentali fl-UE u madwar id-

[2] https://www.ohchr.org/Documents/Issues/Defenders/Declaration/declaration.pdf
[3] https://www.ohchr.org/Documents/Issues/Environment/SREnvironment/FrameworkPrinciplesUserFriendlyVersion.pdf
[4] Riżoluzzjoni tal-21 ta' Marzu 2019 dwar ir-rikonoxximent tal-kontribut tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem fil-qasam ambjentali għat-tgawdija tad-drittijiet tal-bniedem, il-protezzjoni ambjentali u l-iżvilupp sostenibbli, https://digitallibrary.un.org/record/3804641?ln=en
[5] https://www.ohchr.org/documents/publications/guidingprinciplesbusinesshr_en.pdf

dinja, jieħdu miżuri speċifiċi intiżi sabiex jipproteġu l-libertà tal-espressjoni u l-libertà tal-midja u l-pluraliżmu fil-kuntest tad-drittijiet ambjentali, u jiżguraw is-sikurezza u l-protezzjoni tal-ġurnalisti;

3. Jitlob li tittieħed azzjoni immedjata kontra l-fastidju, l-intimidazzjoni, l-attakki vjolenti fil-konfront ta' difensuri tal-ambjent u l-priġunerija tagħhom, inkluża l-vjolenza abbażi tal-ġeneru, u jappella għal rispons rapidu biex id-difensuri tal-ambjent jiġu protetti minn kwalunkwe tip ta' fastidju, persekuzzjoni jew vjolenza; iħeġġeġ, għalhekk, lill-pajjiżi jiggarantixxu l-protezzjoni tad-difensuri tal-ambjent billi jadottaw liġijiet u miżuri ta' protezzjoni olistiċi, anki billi jniedu investigazzjonijiet fuq kull attakk u theddida magħmula fil-konfront tagħhom u jiżguraw li tiġi attribwita r-responsabbiltà għal dawn l-atti; jitlob aktar appoġġ finanzjarju għad-difensuri tad-drittijiet ambjentali; jirrikonoxxi l-forom multipli u trasversali tal-vjolenza u d-diskriminazzjoni li jħabbtu wiċċhom magħhom in-nisa li huma difensuri tad-drittijiet tal-bniedem fil-qasam tal-ambjent, inkluża l-vjolenza sesswali u dik abbażi tal-ġeneru; iħeġġeġ lill-pajjiżi jadottaw miżuri effettivi biex jipproteġu d-difensuri nisa u jqisu l-integrazzjoni ta' perspettiva tal-ġeneru fl-isforzi tagħhom biex jinvestigaw theddid u attakki fil-konfront tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem;

4. Jitlob lill-UE tieħu miżuri, b'mod konformi mar-riżoluzzjoni tal-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU, biex tiffaċilita l-għarfien pubbliku u l-parteċipazzjoni fil-proċess deċiżjonali fil-qasam ambjentali, inkluż tas-soċjetà ċivili, in-nisa, it-tfal, iż-żgħażagħ, il-popli indiġeni u l-komunitajiet rurali u lokali, mhux biss fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw iżda fid-dinja kollha;

5. Jesprimi t-tħassib kbir tiegħu dwar il-fatt li s-sitwazzjoni tad-difensuri tal-ambjent, l-informaturi, il-ġurnalisti u l-ġuristi speċjalizzati fil-qasam ambjentali qiegħda tiddeterjora b'mod kostanti madwar id-dinja kollha; jitlob lill-UE u lill-Istati Membri tagħha jipproteġu l-libertà ta' espressjoni, il-libertà tal-midja u l-pluraliżmu u d-dritt ta' għaqda, u jiżguraw is-sikurezza u l-protezzjoni tal-ġurnalisti u l-informaturi kemm fl-UE kif ukoll permezz tar-relazzjonijiet esterni tagħha; jesprimi t-tħassib kbir tiegħu dwar l-abbużi, ir-reati u l-attakki fatali li għadhom isiru fil-konfront tal-ġurnalisti u tal-ħaddiema tal-midja minħabba l-attivitajiet tagħhom; jirrimarka li l-iżvelar ta' informazzjoni protetta huwa forma tal-libertà tal-espressjoni u tal-informazzjoni u dan jiżvolġi rwol ewlieni fl-esponiment u l-prevenzjoni ta' ksur tal-liġi tal-Unjoni, u fit-tisħiħ tar-responsabbiltà demokratika u tat-trasparenza; jistieden lill-Kummissjoni, f'dan ir-rigward, tissorvelja t-traspożizzjoni u tiżgura l-applikazzjoni sħiħa, mill-Istati Membri tad-Direttiva (UE) 2019/1937 dwar il-protezzjoni ta' persuni li jirrapportaw dwar ksur tal-liġi tal-Unjoni[6]; iqis il-libertà tal-informazzjoni bħala strument importanti għal persuni li jistgħu jkunu affettwati mill-konsegwenzi tat-tibdil fil-klima biex ikunu jafu b'mod xieraq u fi stadju bikri dwar l-effetti dannużi tat-tibdil fil-klima u l-miżuri ta' adattament; jappella għar-rispett għal-libertà tal-informazzjoni;

6. Jappoġġja l-isforzi tal-Kummissjoni biex issaħħaħ id-demokrazija, l-istat tad-dritt u d-drittijiet tal-bniedem fl-azzjoni esterna tagħha, b'mod partikolari fir-rigward tal-klima, fid-dawl tal-ħtieġa li l-UE jkollha rwol ewlieni fil-promozzjoni tal-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u li tfassal u tagħti spinta lill-inizjattivi intiżi biex jiġġieldu l-

[6] ĠU L 305, 26.11.2019, p. 17.

kriminalità organizzata, il-ħtif illegali tal-art u d-deforestazzjoni, peress li dawn huma fatturi essenzjali għall-iżgurar tal-protezzjoni tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem fil-qasam tal-ambjent; jappoġġja bil-qawwa l-ħidma fuq l-iżvilupp ta' istituzzjonijiet stabbli, ġustizzja infurzabbli, aċċess aħjar għar-rimedji legali għall-vittmi tal-abbużi tad-drittijiet tal-bniedem minħabba t-tibdil fil-klima u għad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem fil-qasam tal-ambjent, kif ukoll dik fuq il-promozzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u l-governanza tajba;

7. Jesprimi t-tħassib kbir tiegħu dwar iż-żieda fil-kriminalizzazzjoni u l-persekuzzjoni tal-attivisti impenjati favur l-ambjent fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw minħabba l-isfruttament ta' riżorsi naturali li qed jikkontribwixxi għad-deforestazzjoni, it-telfien tal-bijodiversità[7] u l-ksur tad-drittijiet tal-bniedem, li jaffettwaw l-aktar lill-popli indiġeni; jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li l-UE ma tappoġġjax inizjattivi u proġetti li jwasslu għall-ħtif illegali tal-art, il-qtugħ illegali tas-siġar għall-injam u d-deforestazzjoni, jew effetti dannużi oħra fuq l-ambjent; jikkundanna kwalunkwe tentattiv ta' deregolamentazzjoni tal-ħarsien tal-ambjent u tad-drittijiet tal-bniedem fil-kuntest tal-pandemija tal-COVID-19 u kriżijiet oħra; jistieden lill-Kummissjoni tappoġġja lid-difensuri tal-ambjent fid-dinja kollha; jenfasizza li s-sigurtà tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem fil-qasam tal-ambjent hija marbuta b'mod inerenti mas-sigurtà tal-komunitajiet li huma jiddefendu; jistieden lill-Kummissjoni tevalwa l-kontribut tal-komunitajiet indiġeni għall-proġetti proposti u kif l-esperjenza u l-għarfien tagħhom tal-ekoloġija lokali ġew ikkunsidrati;

8. Jilqa' l-impenn tal-Kummissjoni li tadotta proposta leġiżlattiva dwar rekwiżiti ta' diliġenza dovuta fl-UE kollha għan-negozji u jenfasizza l-ħtiġijiet u d-drittijiet speċifiċi tan-nisa u tal-gruppi vulnerabbli bħat-tfal u l-popli indiġeni; jenfasizza li dan għandu jinkludi l-ħolqien ta' soluzzjonijiet għall-obbligu ta' rendikont u r-rimedji ġudizzjarji; jenfasizza l-importanza li jiġi rivedut u msaħħaħ il-qafas leġiżlattiv tal-UE dwar ir-responsabbiltà ambjentali u l-aċċess għall-ġustizzja fi kwistjonijiet ambjentali, wara valutazzjoni tal-impatt bir-reqqa;

9. Itenni l-pożizzjoni tiegħu li l-politiki, l-istrumenti u l-għodod rilevanti kollha tal-UE, inklużi l-ftehimiet kummerċjali kif ukoll l-għajnuna għall-iżvilupp u l-politiki dwar il-viżi, iridu dejjem ikunu bbażati fuq l-ogħla standards internazzjonali fil-qasam tal-ambjent u d-drittijiet tal-bniedem u għandhom ikunu msejsa fuq ir-rispett għad-demokrazija, l-istat tad-dritt, id-drittijiet tal-bniedem, il-libertajiet fundamentali, id-dinjità tal-bniedem, kif ukoll l-ugwaljanza u s-solidarjetà u l-prinċipji ta' governanza tajba; jemmen li din il-kooperazzjoni fl-isforzi intiżi sabiex jiġu eliminati l-intimidazzjoni, ir-repressjoni u l-vjolenza fil-konfront ta' popli indiġeni u difensuri tal-ambjent għandha twassal għal tnaqqis jew sospensjoni tal-għajnuna u l-appoġġ esterni, mingħajr ma tiġi affettwata l-għajnuna umanitarja u mingħajr ħsara għall-benefiċċjarji finali; jenfasizza, f'dan il-kuntest, l-importanza tal-obbligu ta' rendikont biex jigi ggarantit li l-fondi ma jintużawx għal proġetti li jagħmlu ħsara lill-ambjent jew lid-drittijiet tal-bniedem; iħeġġeġ lid-delegazzjonijiet tal-UE f'pajjiżi terzi biex jikkollaboraw mar-rappreżentanti tal-popli indiġeni u d-difensuri tal-ambjent u jappoġġjawhom permezz ta' miżuri xierqa; jappoġġja d-dritt għal ambjent sikur, nadif,

[7] Pjattaforma Intergovernattiva tal-Politika tax-Xjenza dwar il-Bijodiversità u s-Servizzi Ekosistemiċi (IPBES), rapport tal-workshop dwar il-bijodiversità u l-pandemiji, https://ipbes.net/pandemics

tajjeb għas-saħħa u sostenibbli u l-ħidma tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, il-protezzjoni tagħhom u l-iżvilupp ta' ambjent li jippermettilhom iwettqu l-attivitajiet tagħhom;

10. Jitlob lill-UE u lill-Istati Membri tagħha jqisu d-drittijiet tal-popli indiġeni fil-politiki dwar il-klima u jipprovdu assistenza finanzjarja u teknika speċjali biex jimplimentaw programmi ta' appoġġ għal dawk l-aktar vulnerabbli minħabba l-konsegwenzi tat-tibdil fil-klima jew minħabba l-ispostament ikkawżat mill-klima, bħall-popli indiġeni, ir-refuġjati u l-persuni spostati f'komunitajiet ospitanti kif ukoll id-difensuri tal-ambjent; jieħu nota tad-deċiżjoni tal-Kumitat tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU fil-Kawża *Teitiota vs New Zealand*[8];

11. Jappoġġja approċċ ibbażat fuq id-drittijiet tal-bniedem għall-governanza tal-migrazzjoni f'pajjiżi terzi li jqis il-lakuni fil-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fil-kuntest tal-migrazzjoni; ifakkar, f'dan il-kuntest, fl-għodod eżistenti għal perkorsi legali u jqis li għandhom jiġu stabbiliti aktar għodod ta' dan it-tip għall-persuni fil-bżonn ta' protezzjoni; jenfasizza l-ħtieġa, sabiex jiġi implimentat dan l-approċċ, li jissaħħu l-kapaċità tal-Istati u l-kooperazzjoni u d-djalogu permanenti mal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, inklużi dawk li jirrappreżentaw il-popli indiġeni u persuni oħra f'sitwazzjonijiet vulnerabbli, u mas-sħab tan-NU; jappoġġja l-identifikazzjoni u l-promozzjoni ta' prattiki tajbin, fil-qasam tal-obbligi u l-impenji relatati mad-drittijiet tal-bniedem, li jappoġġjaw u jsaħħu t-tfassil tal-politika dwar il-protezzjoni tal-ambjent fil-livell tal-UE u dak internazzjonali;

12. Jemmen li t-tibdil fil-klima se jġiegħel aktar u aktar nies jemigraw; ifakkar li l-konsegwenzi negattivi tat-tibdil fil-klima jimminaw il-prospetti nazzjonali ta' żvilupp, filwaqt li jaggravaw inugwaljanzi eżistenti bħad-disparitjiet bejn il-ġeneri; jissottolinja li l-impatt tat-tibdil fil-klima huwa agħar għall-persuni l-aktar vulnerabbli bħalma huma n-nisa u l-bniet; jilqa' l-impenji li saru mill-Viċi President Timmermans biex jirrimedja l-inugwaljanzi bejn il-ġeneri aggravati mit-tibdil fil-klima; jistieden lill-UE u lill-Istati Membri tagħha jqisu s-sitwazzjoni partikolari tan-nisa u l-bniet u jidentifikaw d-diskriminazzjoni u l-vulnerabbiltajiet speċifiċi għall-ġeneru, billi jindirizzaw prattiki tajbin fejn in-nisa jaġixxu bħala aġenti għall-bidla fis-salvagwardja tal-ambjent għal finijiet sostenibbli; jappella għal kollaborazzjoni ulterjuri mas-sħab internazzjonali sabiex jintegraw il-ksur tad-drittijiet tal-bniedem ikkawżat mid-degradazzjoni ambjentali fil-politiki dwar l-ambjent u jieħdu azzjonijiet dwar il-klima bbażati fuq id-drittijiet tal-bniedem; jirrikonoxxi l-ħidma imprezzabbli mwettqa mid-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem fil-protezzjoni u l-promozzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u l-valuri fundamentali; jitlob lill-UE tindirizza l-kriżi klimatika bħala kriżi tad-drittijiet tal-bniedem u timplimenta miżuri effettivi biex tiġġieled it-tibdil fil-klima u jkollha rwol ta' mexxej fit-triq għas-salvagwardja tad-drittijiet tal-ġenerazzjonijiet futuri.

---

[8] https://tbinternet.ohchr.org/_layouts/15/treatybodyexternal/Download.aspx?symbolno=CCPR/C/127/D/2728/2016&Lang=en

## INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI
## FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

| | |
|---|---|
| **Data tal-adozzjoni** | 1.12.2020 |
| **Riżultat tal-votazzjoni finali** | +: 51<br>–: 13<br>0: 4 |
| **Membri preżenti għall-votazzjoni finali** | Magdalena Adamowicz, Katarina Barley, Pietro Bartolo, Nicolas Bay, Vladimír Bilčík, Vasile Blaga, Ioan-Rareş Bogdan, Patrick Breyer, Saskia Bricmont, Jorge Buxadé Villalba, Damien Carême, Caterina Chinnici, Marcel de Graaff, Anna Júlia Donáth, Lena Düpont, Cornelia Ernst, Laura Ferrara, Nicolaus Fest, Jean-Paul Garraud, Maria Grapini, Sylvie Guillaume, Andrzej Halicki, Balázs Hidvéghi, Evin Incir, Sophia in 't Veld, Patryk Jaki, Lívia Járóka, Marina Kaljurand, Assita Kanko, Fabienne Keller, Peter Kofod, Łukasz Kohut, Moritz Körner, Alice Kuhnke, Jeroen Lenaers, Juan Fernando López Aguilar, Nuno Melo, Nadine Morano, Javier Moreno Sánchez, Maite Pagazaurtundúa, Nicola Procaccini, Emil Radev, Paulo Rangel, Terry Reintke, Diana Riba i Giner, Ralf Seekatz, Michal Šimečka, Birgit Sippel, Martin Sonneborn, Tineke Strik, Ramona Strugariu, Annalisa Tardino, Tomas Tobé, Dragoş Tudorache, Milan Uhrík, Tom Vandendriessche, Bettina Vollath, Jadwiga Wiśniewska, Elena Yoncheva, Javier Zarzalejos |
| **Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali** | Beata Kempa, Leopoldo López Gil, Kris Peeters, Anne-Sophie Pelletier, Sira Rego, Franco Roberti, Miguel Urbán Crespo, Hilde Vautmans |

## VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

| 51 | + |
|---|---|
| EPP | Magdalena Adamowicz, Vladimír Bilčík, Vasile Blaga, Ioan-Rareş Bogdan, Lena Düpont, Andrzej Halicki, Jeroen Lenaers, Leopoldo López Gil, Nuno Melo, Kris Peeters, Emil Radev, Paulo Rangel, Ralf Seekatz, Tomas Tobé, Javier Zarzalejos |
| S&D | Katarina Barley, Pietro Bartolo, Caterina Chinnici, Maria Grapini, Sylvie Guillaume, Evin Incir, Marina Kaljurand, Łukasz Kohut, Juan Fernando López Aguilar, Javier Moreno Sánchez, Franco Roberti, Birgit Sippel, Bettina Vollath, Elena Yoncheva |
| RENEW | Anna Júlia Donáth, Sophia In 'T Veld, Fabienne Keller, Moritz Körner, Maite Pagazaurtundúa, Michal Šimečka, Ramona Strugariu, Dragoş Tudorache, Hilde Vautmans |
| GREENS/EFA | Patrick Breyer, Saskia Bricmont, Damien Carême, Alice Kuhnke, Terry Reintke, Diana Riba I Giner, Tineke Strik |
| EUL/NGL | Cornelia Ernst, Anne-Sophie Pelletier, Sira Rego, Miguel Urbán Crespo |
| NI | Laura Ferrara, Martin Sonneborn |

| 13 | - |
|---|---|
| ID | Nicolas Bay, Nicolaus Fest, Jean-Paul Garraud, Marcel De Graaff, Peter Kofod, Tom Vandendriessche |
| ECR | Jorge Buxadé Villalba, Patryk Jaki, Assita Kanko, Beata Kempa, Nicola Procaccini, Jadwiga Wiśniewska |
| NI | Milan Uhrík |

| 4 | 0 |
|---|---|
| EPP | Balázs Hidvéghi, Lívia Járóka, Nadine Morano |
| ID | Annalisa Tardino |

Tifsira tas-simboli użati:
+ : favur
- : kontra
0 : astensjoni